# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

**Il-Pulizija**

**[Spettur Robert Vella]**

**vs**

**Jacob Rakban**

**Kumpilazzjoni Numru: 220/18**

**Illum, l-ewwel (1) ta' Frar, 2021**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Jacob Rakban detentur tal-karta tal-identita` 050794M akkuzat talli:

Nhar is-16 ta' Novembru, 2017 ghall habta tal-hamsa u kwart ta' filghaxija (17.15hrs) gewwa Triq Patri Vincenz Portelli sitwata gewwa l-Pieta';

1) Ikommetta serq ta' Ewro 5,000 fi flus kontanti minn gewwa vettura tal-ghamla Honda Accord bin-numru ta' registrazzjoni FCA-836 liema serq li huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa sar ghad-detriment ta' Sean Henry Bugeja u/jew persuni ohra; **u dan bi ksur ta' l-artikoli 261 (b)(c)(g), 263, 267, 271, 278(3) u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2) U aktar talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' vettura tal-Honda Accord bin-numru ta' registrazzjoni FCA-836, liema hsarat ma jiskorrux l-ammont ta' Ewro mitejn u hamsin (250) li saret ghad-dannu ta' Sean Henry Bugeja u/jew persuni ohra; **u dan bi ksur ta' l-artikolu 325(1)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

3) U aktar talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi, ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' Probation ghal-tlett snin liema sentenza giet moghtija mill-Magistrat Dr A. Demicoli LLD fit-12 ta' Mejju, 2017 liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel bi ksur tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba titratta ma Jacob Rakban bhala recidiv ta' sentenzi moghtija lilhu mil-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru defenittivi u ma jistghux jinbidlu u dan ai termini ta' Artikolu 49, 50 u 289 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-piena stabbilita mill-ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif pruvat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata sbatax (17) ta' Gunju elfejn u dsatax (2019) fejn biha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jitlob li tinstab htija kontra l-imputat u cioe:-

- Fl-artikoli 20; 31; 261(b)(c)(g); 263; 264; 265; 266; 267; 271(g); 278(1)(2)(3); 279(b); 280(1)(2); 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 23(1)(a)(2)(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 7; 8; 16; 17; 19; 20; 22; 23; 31; 49; 50; 289; 382A; 383; 384; 385; 386; 412C; 412D; 532A; 532B; 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi wara li gew moqrija dawn l-Artikoli lill-imputat, huwa ma kellux oggezzjoni li dawn il-proceduri jigu trattati minn din il-Qorti bi procedura sommarja;

Semghet ix-xhieda kollha u t-trattazzjoni tal-partijiet;

Illi mix-xhieda ta’ <u>WPC 293 Michelle Camilleri</u> li hija stazzjonata t-Taqsima Forensika u li elevat il-marki tas-swaba fuq il-vettura Honda Accord FCA-936, din tellghet marka tas-swaba ta’ id shiha bejn is-saqaf u l-bieba tal-karrozza jigifieri l-parti tas-swaba fuq is-saqaf u l-bqija tal-id fuq il-parti tal-bieba tan-naha ta’ wara tan-naha tal-passiggier.

<u>L-Ispettur Elliott Magro</u> xehed illi fis-sittax (16) ta’ Novembru elfejn u sbatax (2017) ghall-habta tal-hamsa u nofs ta’ wara nofsinhar, irceviet rapport li Sean Henry Bugeja kellu l-karrozza tieghu FCA-836 ipparkjata gewwa Triq Patri Vincenz Portelli, Pieta’ ghal madwar ghaxar (10) minuti u meta rritorna lura sab hsara fuq it-tieqa ta’ wara tal-vettura u minn gol-bieba kien insteraq basket ta’ lewn iswed li kien jikkontjeni madwar hamest elef ewro (€5,000) fi flus kontanti li dawn kienu ser jigu depozitati l-bank. Apparti dawn il-flus ix-xhud jghid illi nsterqu wkoll ID Card, *driving license*, u xi dokumenti ohrajn. L-Ispettur jghid ukoll illi l-marki tas-swaba riskontrati fuq il-vettura kienu jaqblu ma’ dawk tal-imputat Jacob Rakban.

Semghet ukoll lill-vittma **Sean Henry Bugeja** li kkonferma r-rapport tieghu u li kien fil-post tal-allegat serqa biex imur jghin lil xi habib tieghu u pparkja fit-triq inkwistjoni u dam ghand il-habib tieghu xi tliet kwarti u meta rritorna lura sab il-hgiega tal-karrozza tieghu Honda Accord FCA-836 mifquha. Hu jghid illi fuq il-post kien ma' zijuh. Huwa jghid ukoll illi ra li l-vettura kellha daqqa hdejn il-hgiega ta' quddiem izda din ma nfaqghetx izda ta' wara kienet mifquha. Fil-karrozza kellu basket go basket kontenenti hamest elef ewro (€5,000) li kien tahomlu missieru biex wara x-xoghol imur jiddepozitahom.

Ix-xhud jghid li wara ghamel ir-rapport l-ghassa mar dritt jiehu l-karrozza fil-garaxx sabiex tal-Forensiku jkunu jistghu jiehdu l-marki tas-swaba. Jghid li dakinhar tal-allegat reat ra bniedem bilqeghda fuq bank faccata tal-karrozza jidhaq u skont hu beda jiehu ritratti jew *video* u gielu s-suspett li dik il-persuna kellha x'taqsam. Dan il-persuna telaq 'l hemm izda x-xhud jghid li f'idu ma kellu xejn hlief il-*mobile*. Ix-xhud gharaf lill-imputat bhala dik il-persuna.

Semghet ir-rapprezentant tat-Transport Malta u cioe' Stephen Cachia li kkonferma li l-vettura FCA 836 hija registrata fuq Shaun Henry Bugeja.

Xehed ukoll rapprezentant tal-kumpannija tal-assigurazzjoni Gasan David Abela li kkonferma li l-hsara fuq il-hgiega tal-vettura FCA 836 tiswa mija u disgha u tletin ewro u tnejn u tmenin centezmu (€139.82) bil-VAT b'kollox (Dok. DA 1).

Semghet lir-rapprezentant tal-Qrati Kriminali Dolores Fenech li kkonfermat li l-multa nflitta kontra l-imputat permezz ta' sentenza datata hdax (11) ta' Settembru elfejn u tnax (2012) giet imhallsa fl-intier taghha (Dok. DF1).

Semghet ukoll iz-ziju tal-parte civile Godwin Sell li kkonferma dak kollu li kien xehed Henry Bugeja u kkonferma li fil-karrozza kien hemm flus kontanti li kien ra b'ghajnejh go envelop kannella. Dan gie sussegwentement ikkonfermat anke minn missier il-parte civile Sean Bugeja li kkonferma li hu ghandu negozju tal-*appliances* u kien ta somma flus ta' hamest elef ewro (€5,000) go envelop kannella lil ibnu filghodu biex jiddepozitahomlu aktar tard permezz tal-ATM tal-bank BOV. Din is-somma kienet konsistenti

f'bankonoti ta' hamsin ewro (€50) u ta' ghoxrin ewro (€20). Huwa jghid illi kmieni wara nofsinhar dik il-gurnata cempillu ibnu jibki li kienu nsterqulu dawn il-flus.

Xehed l-espert fuq l-impronti digitali u cioe' Joseph Mallia li ghamel komparazzjoni mal-marki tas-swaba elevati mill-Forensika u dawn tal-imputat u jghid illi tnejn (2) mill-erba' (4) marki kienu tajbin ghall-komparazzjoni u jirrizulta li d-dokument C 17CSQ301 kien jaqbel pozittivament ma' parti mill-pala tal-id ix-xellugija tas-Sur Jacob Rakban u kif ukoll dokument iehor li kien igib il-kodici 17CSQ303 li kienet impronta li kienet taqbel ukoll pozittivament mas-sebgha l-kbir tal-id ix-xellugija tal-istess Jacob Rakban (Dok. JM 1).

Semghet lill-Ispettur Robert Vella li esebixxa numru ta' sentenzi ai finijiet tal-addebitu tar-recidiva u cioe' Dok. RV1, RV2 u RV3.

Rat in-nota tal-ufficjal tal-Probation Svetlana Bezzina li ssegwi lill-imputat fuq ordni ohra u tghid illi l-imputat ghamel bidla pozittiva kbira f'hajtu, ghamel numru ta' ezamijiet, involva ruhu fl-isports li din ghenitu jeghleb il-vizzju tad-droga.

Finalment semghet lill-imputat **Jacob Rakban** fejn ikkonferma li hu kien fil-post tar-reat dakinhar peress li l-Hamrun iqisha bhala d-dar tieghu fejn hu kien imur skola hemm u sahansitra kien jilghab mal-klabb tal-Hamrun. Huwa jispjega illi seta' nstab marka tas-seba' fuq il-karrozza ghax seta' facilment serrah ma' din il-karrozza u jghid ukoll illi l-parte civile kien gharfu mhux li kien seraqlu l-flus izda li kien bilqeghda fuq il-bank. Huwa jghid illi ma kienx qal din il-verzjoni lill-Ispettur fl-istqarrija ghaliex fil-passat kellu diversi akkuzi fuq serq li kollha ammettihom izda ma jhossx li ghandu jammetti xi haga li ma ghamilx u kien fi zmien meta kien ghadu ma rriformax ruhu.

Semghet ukoll ix-xhud **Gail Debono** li hija psikologa forensika u tahdem il-habs fejn ikkonfermat li rat kambjament kbir fl-imputat tant li ghamel numru ta' O-Levels li gabhom kollha u qata' s-sigarretti u d-droga. Hija tghid li l-imputat jixtieq jattendi l-MCAST sabiex jaghmel diploma fl-isports.

Ikkunsidrat:

Illi huwa oramaj risaput illi fi proceduri bhala dawk odjerni trid tingieb dejjem 'il quddiem l-ahjar prova. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud** (Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-16 ta' Mejju 2019) gie ritenut is-segwenti:

*"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l-kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.*

*Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla)(Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani Philip Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005) ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:*

*Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

*"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il- Pulizija vs. Philip Zammit*

*et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir- raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l- Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi a rigward il-kwistjoni tal-*fingerprints* jidher li l-unika prova li l-prosekuzzjoni ghandha hija l-marka tas-swaba misjuba fuq barra tal-vettura tal-parte civile liema marka tas-swaba hija tal-imputat. Il-Qrati kellhom okkazzjoni jiddibattu fuq il-kwistjoni ta' *circumstantial evidence* fejn gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali <u>Il-Pulizija vs. Anthony Abela</u> (deciza 28 ta' Mejju 1998) *"li l-prova tal-fingerprint ghandha tkun sufficjenti biex tissodisfa l-oneru tal-prova u legalment mhux necessarju li jkun hemm xi korroborazzjoni ta' din il-prova billi l-istess prova wahedha ghandha twassal ghall-htija tal-persuna akkuzata"*. Il-Qorti pero' kienet ghamlet distinzjoni bejn *fingerprints* li jinstabu f'postijiet

pubblici bhall-hwienet, knejjes, cinematografi, hwienet tax-xorb, diskoteki, ecc. li fihom imorru hafna nies u *fingerprints* li jinstabu f' xi dar ta' residenza. Il-Qorti qalet hekk fir-rigward:-

> *"Kienet tkun haga ferm differenti li kieku l-post derubat kien xi residenza privata u jigi stabbilit li ssuspettat, li instabu l-impronti digitali tieghu fuq il-post, qatt ma kien dahal fih u li d-derubat qatt ma kien jafu jew li kien dahallu fir-residenza tieghu. F' dan il-kaz il-prova tal-fingerprints wahedha hija sufficjenti biex il-Qorti issib htija."*

Illi skont is-sentenza fl-ismijiet **<u>Repubblika ta' Malta vs George Spiteri</u>** moghtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002 gie ddikjarat is-segwenti:

> *"Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja*

*kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill- gudikand sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.*

*L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa*

*hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

*Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha."*

Madankollu skond is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet **Pulizija vs Cyrus Engerer** deciza App Kriminali fit-8 ta' Mejju 2014 ġie ppuntwalizzat ukoll illi:

*"...Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.*

*In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal- provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita."*

Illi f'dan il-kaz dak li hareg mill-provi hu li l-imputat kien fl-inhawi almenu ezatt wara l-allegat reat u dan ghaliex il-parte civile identifikah li kien bilqeghda fuq bank faccata ta' fejn kienet il-karrozza u wara rah jitlaq fejn l-imputat ma kellu xejn f'idejh. Irrizulta li nstabet marka tas-seba' tal-imputat fuq il-parti ta' fuq tal-hgiega ta' wara u dan fejn giet sgassata. Irrizulta wkoll illi l-karozza kienet f'post pubbliku ipparkjata.

Illi dawn l-indizzji ghalkemm juru li l-imputat Jacob Rakban kien mess din il-karrozza u kien fl-inhawi meta sar l-allegat reat, ma humiex bizzejjed sabiex ikun hemm il-konvinciment morali li l-imputat huwa responsabbli tas-serqa. Dan qed jinghad ghaliex fl-

ewwel lok ma nstabux l-ebda impronta digitali fl-intern tal-karrozza minkejja l-fatt illi l-envelop li allegatament insteraq kien f'post differenti minn fejn sar l-isgass u fit-tieni lok l-iskuza li ta l-imputat li seta' serrah ma' dik il-karrozza tista' taghmel sens ghaliex jekk wiehed iserrah fuq karrozza normalment iserrah propju fejn instabu l-marki tas-swaba tal-imputat.

Illi din il-Qorti wkoll qed tabbraccja n-numru ta' sentenzi kkwotati mid-difiza fis-sottomissjonijiet orali f'dan ir-rigward u ghalhekk thoss illi l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha oltre d-dubju dettat mil-ligi.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat **Jacob Rakban** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih stante li ma gewx ippruvati.

_________________________________________

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**